Knisja 2000

sena XX nru. 79

jannar – marzu 2007

# L-Istudju tat-Teoloġija

WERREJ

P. Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

P. Pietru Pawl Zerafa OP
**It-Teoloġija Biblika** 7

Dun Hector Scerri
**It-Teoloġija Dommatika u t-taqsimiet differenti tagħha** 41

P. Mario Borg OCD
**It-Teoloġija Morali** 51

P. Raymond Gatt OP
**Ħassieba Nsara** 59

# It-Teoloġija Dommatika u t-taqsimiet differenti tagħha

Dun Hector Scerri

It-teoloġija dommatika hija dik il-fergħa tat-teoloġija li tistudja fil-fond it-tagħlim tal-Knisja li għandu x'jaqsam mal-veritajiet il-kbar tal-fidi. Hija, mela, dik il-fergħa tat-teoloġija li, ibbażata fuq l-Iskrittura u t-Tradizzjoni għat-tagħrif tar-rivelazzjoni, teżamina u tippreżenta b'mod koerenti l-pedamenti tad-duttrina nisranija.[1] Naturalment, aspett li jispikka fit-teoloġija dommatika huwa l-istudju tad-dommi tal-fidi nisranija. Id-dommi huma veritajiet rivelati minn Alla u pproklamati bħala tali mill-awtorità tal-Knisja li tgħallem b'mod infallibbli, u li jorbtu lill-fidili issa u għal li ġej.

Id-dommatika ma tikkonċentrax biss fuq id-dommi tal-fidi. Għaliha huma sisien importanti u tfittex li tfissirhom tajjeb lill-bnedmin ta' kull żmien. Imma huwa importanti wkoll li ngħidu li fil-qasam tat-teoloġija dommatika niltaqgħu mar-riflessjoni teoloġika li saret minn ħassieba kbar u żgħar, f'partijiet differenti tad-dinja, tul is-sekli, dwar il-veritajiet tal-fidi nisranija. Wieħed jista' jmur lura għall-Knisja bikrija u r-riflessjoni teoloġika u t-tagħlim ta' l-ewwel fost Missirijiet il-Knisja, u jibqa' għaddej minn perjodu għal ieħor sakemm naslu fi żminijietna.

Huwa interessanti li wieħed jara l-iżvilupp li seħħ tul il-medda taż-żminijiet dwar kull qasam tat-teoloġija. Tista' tiffoka fuq tema, per eżempju, Alla, jew il-bniedem, jew is-sagramenti, u tistudjaha fil-fond billi tara dak li qalu u kitbu persuni differenti matul l-aħħar elfejn sena. Tibda b'Missirijiet il-Knisja, tgħaddi għaż-Żminijiet tan-Nofs u l-Iskolastika, tgħaddi mbagħad għall-perjodu interessanti tar-Riforma, dak ta' l-Illuminiżmu, u tibqa' ġej sar-riflessjoni kontemporanja. Matul dan il-vjaġġ, ma tistax tevita d-diffikultajiet li ħabbtu wiċċhom magħhom l-insara. Qamu bosta rwiefen fejn jidħol it-tagħlim tal-fidi vera. Nibtu ereżiji u tagħlim żbaljat ieħor. U għalhekk, il-Knisja – minn żmien għal żmien – kellha tagħraf twieġeb tajjeb għal dawn is-

sitwazzjonijiet li qamu. Il-Knisja, immexxija mill-Ispirtu s-Santu, għarfet tagħti tweġibiet xierqa kemm permezz tal-għorrief tagħha, speċjalment teoloġi li bihom dejjem kienet mogħnija, kif ukoll – minn żmien għall-ieħor – permezz ta' pronunzjamenti uffiċjali waqt Konċilji jew laqgħat importanti oħra li naqraw dwarhom fl-Istorja tal-Knisja.

Wieħed jinnota li l-Knisja, tul iż-żminijiet, fittxet li tfisser bir-reqqa t-tagħlim li ħallielha l-Imgħallem tagħha, Sidna Ġesù Kristu. It-tagħlim huwa wieħed; hija l-manjiera li bih esprimietu li kien adattat skond il-kuntest li fih fissritu. Għalhekk huwa meħtieġ li hawnhekk nirreferu għal dak li jgħallimna l-Konċilju Vatikan II li bena fuq dak li kien stqarr il-Beatu Ġwanni XXIII, fid-diskors tal-ftuħ tal-Konċilju, tliet snin qabel:

> "Barra minn dan it-teoloġi, filwaqt li jżommu l-metodi u l-ħtiġiet proprji tax-xjenza teoloġika, huma mistednin biex ifittxu dejjem manjieri aktar addattati li jikkomunikaw it-tagħlim mal-bnedmin ta' żminijiethom, għaliex id-depożitu jew il-veritajiet tal-fidi huma ħaġa, u l-manjiera kif jitqiegħdu quddiem il-bnedmin hija oħra, għalkemm it-tifsir u s-sens profond jibqgħu dejjem l-istess."[2]

Wara din id-daħla u riflessjoni introduttiva dwar it-teoloġija dommatika, ngħaddu għas-suġġett proprju ta' din il-kitba, jiġifieri l-friegħi li fihom hija normalment maqsuma t-teoloġija dommatika. Se nimxi fuq il-friegħi li tradizzjonalment wieħed jiltaqa' magħhom, kemm fil-manwali ta' l-imgħoddi, kif ukoll f'testi ta' l-aħħar erbgħin sena. Għajn importanti oħra għal din il-kitba hija l-mod sistematiku kif universitajiet u fakultajiet tat-teoloġija jaqsmu t-tagħlim tat-teoloġija dommatika. Li se nippruvaw naraw huwa liema huma dawn il-friegħi prinċipali, u mbagħad ngħaddu biex nagħtu xi tagħrif dwar kull waħda minnhom. Ma' dan se nżid ukoll xi kotba li nqishom fundamentali biex wieħed ikopri tajjeb tematika partikulari.

1. Alla.
2. Ir-Rivelazzjoni u l-Fidi.
3. Kristoloġija u Marjoloġija.
4. Antropoloġija.
5. Ekkleżjoloġija.
6. Is-Sagramenti.

## 1. Alla

Ir-riflessjoni dwar Alla hija l-pedament tat-teoloġija dommatika. Il-kelma *teoloġija* tfisser "diskors dwar Alla". Tant hu hekk, li t-temi l-oħra li semmejna, u kull tema li hija parti mit-teoloġija, jikkonsistu f'riflessjoni fid-dawl tar-Rivelazzjoni. Fi kliem aktar sempliċi, nistgħu nagħmlu dawn il-mistoqsijiet: X'dawl jagħtina Alla fuq it-tali suġġett? X'irid Alla? X'tgħid il-Kelma tiegħu? X'uriena Alla matul il-medda taż-żminijiet? X'għallmet il-Knisja?

Bħala *fides quaerens intellectum* (jiġifieri l-fidi li tfittex li tifhem), it-teoloġija tagħmel użu mill-għejjun tar-raġuni. Quddiem il-misteru t'Alla, it-teoloġija dejjem tinsab fi stat ta' tfittxija, u qatt ma tasal għal tweġibiet finali jew definittivi. Fil-Punent, it-teoloġija tikkonsisti f'dak l-isforz metodiku biex tifhem u tinterpreta l-verità tar-rivelazzjoni. Min-naħa l-oħra, it-teoloġija tal-Lvant għandha fil-qalb tagħha l-kontemplazzjoni tat-Trinità. Għall-insara orjentali, din il-kontemplazzjoni hija l-qalba ta' teoloġija ġenwina.[3]

Is-suġġett li qed nirreferu għalih bħalissa kien tradizzjonalment magħruf bħala t-trattati *De Deo Uno* u *De Deo Trino*. Fi kliem ieħor, huwa t-tagħlim dwar l-Alla wieħed u veru, u kif Alla huwa Trinità ta' Persuni. Din il-fergħa tat-teoloġija dommatika tittratta, fost l-oħrajn: il-pedament bibliku tal-misteru tat-Trinità, l-awtorivelazzjoni t'Alla fit-Testment il-Qadim, u r-rivelazzjoni tal-misteru t'Alla Missier, Iben u Spirtu s-Santu fit-Testment il-Ġdid. Biex wieħed japprofondixxi dan is-suġġett, irid iduq sew dak li l-patristika għallmitna dwar Alla li huwa Trinità, u x'qalilna l-Maġisteru tal-Knisja, b'mod partikulari fil-konċilji ta' l-ewwel millennju nisrani.

F'sintesi sistematika ta' dan is-suġġett, spiss jintużaw it-termini *Trinità ekonomika* u *Trinità immanenti*. Ta' l-ewwel hija t-Trinità fl-istorja tas-salvazzjoni (dak li Alla għamel għall-bniedem), filwaqt li l-frażi l-oħra tirreferi għat-Trinità fiha nnifisha (jiġifieri r-relazzjonijiet bejn it-tliet persuni). Kemm huwa importanti li dan is-suġġett ma jibqax biss fuq livell astratt! It-Trinità hija mhux biss Alla fih innifsu, imma *pro nobis*, jiġifieri għalina l-bnedmin. Tolqotni ħafna l-espressjoni li darba ltqajt magħha, u li torbot ħafna ma' dak li għadna kemm għidna: *experientia Trinitatis in oratione, in caritate, in actione:* fi kliem ieħor,

aħna kontinwament mistiedna nagħmlu esperjenza tat-Trinità fit-talb, fl-imħabba, u fl-għemejjel kollha tagħna.

Biex tidħol aktar fil-fond: Auer J. – Ratzinger J., *Il mistero di Dio*, Cittadella, Assisi 1982; Cantalamessa R., *Contemplando la Trinità*, Ancora, Milano 2002; Coffey D., *Trinitas: The Doctrine of the Triune God*, University Press Oxford 1999; Forte B., *Trinità come storia. Saggio dul Dio cristiano*, Paoline, Roma 1985; Frendo Ġ. – Cremona P., *Fil-Mixja Lejn is-Sena 2000. Alla l-Missier – l-Imħabba – Il-Qrar*, Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, Malta 1998; Kasper W., *The God of Jesus Christ*, SCM Press, London 1984; Ladaria L., *Il Dio vivo e vero. Il mistero della Trinità*, Piemme, Casale Monferrato 1999; O'Donnell J., *The Mystery of the Triune God*, Paulist Press, New York/Mahwah 1989.

## 2. Ir-Rivelazzjoni u l-Fidi

B'*rivelazzjoni* nifhmu l-azzjoni ta' Alla, inizjattiva tiegħu, li jimmanifesta lilu nnifsu u l-pjan tiegħu lill-bnedmin. Alla wera lilu nnifsu lill-Poplu magħżul tiegħu, kif naraw hekk tajjeb fit-Testment il-Qadim. Bażikament, huma tlieta l-modi kif Alla wettaq ir-rivelazzjoni f'dak iż-żmien:

(a) Permezz ta' ġrajjiet storiċi li minnhom għadda l-poplu jew popli oħra ta' madwar, Alla spiss ried iwassal messaġġ partikolari. Il-Poplu l-magħżul spiss intebaħ – kultant tard wisq – li ma kienx fidil għall-Patt ma' Alla. Il-Mulej wera dan billi kien jibgħat iwissi l-Poplu permezz tal-profeti li spiss kienu jinterpretaw, fid-dawl li kien jagħtihom Alla, il-ġrajjiet politiċi u soċjali li kienu qegħdin iseħħu.

(b) Alla immanifesta lilu nnifsu permezz tal-kelma li bagħat permezz tal-profeti. Dan kien jiġri mhux biss fiż-żminijiet li semmejna qabel, imma anki f'ċirkustanzi oħra. Meta nqallbu l-kitbiet tal-profeti malajr nintebħu kif Alla kien ikellem il-Poplu u x'kien jgħidilhom.

(c) Ir-rivelazzjoni t'Alla seħħet ukoll permezz ta' l-għarfien tal-bniedem tal-ħolqien ta' madwaru. Meta l-bniedem kien jieqaf u jħares madwaru u jikkontempla l-għeġubijiet tan-natura, kien jirrealizza li Alla huwa l-Ħallieq.

Il-milja u l-quċċata tar-rivelazzjoni seħħet fi Kristu. Il-ftuħ ta' l-Ittra lil-Lhud tistqarr: "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u

b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih għamel il-ħolqien" (Lh 1,1-2). Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jkompli jfisser dan meta jgħallimna li "Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem hu l-Kelma Waħda u perfetta tal-Missier. Kelma li ma jistax ikun hemm oħra aqwa minnha. Fih, fi Kristu, il-Missier qal kollox, u mhux se jkun hemm Kelma oħra barra minnha" (para. 65). It-tweġiba tal-bniedem għar-Rivelazzjoni sseħħ permezz tal-fidi: jiġifieri nemmen, b'għajnejja magħluqa, lil Alla u l-messaġġ tiegħu għax huwa ta' min jafdah.

It-tema normalment tinqasam f'dawn il-friegħi: il-kunċett bibliku ta' rivelazzjoni; it-tema f'Missirijiet il-Knisja; il-kunċett ta' rivelazzjoni fit-tradizzjoni teoloġika u fil-Maġisteru tal-Knisja. Fl-ispjega tas-suġġett, wieħed jgħarbel il-kredibbiltà tal-Kristjaneżmu: Alla wera lilu nnifsu, sar bniedem u daħal fl-istorja ta' l-umanità biex isalvaha permezz ta' Ġesù Kristu. Issir riflessjoni teoloġika fuq li Ġesù tassew eżista u li huwa aċċessibbli u jingħaraf permezz tal-Vanġeli. Il-messaġġ ta' Ġesù huwa indirizzat lill-bniedem li huwa msejjaħ għall-qdusija, l-imħabba u x-xhieda.

Biex tidħol aktar fil-fond: Dulles A., *Models of Revelation*, Doubleday, Garden City/NY 1983; Fisichella R., ed., *Gesù Rivelatore*, Piemme, Casale Monferrato 1988; Fisichella R., ed., *La Teologia fondamentale*, Piemme, Casale Monferrato 1997; O'Collins G., *Fundamental Theology*, Paulist Press, New York/Mahwah 1981.

### 3. Kristoloġija u Marjoloġija

Aspett importanti ieħor tat-teoloġija hija r-riflessjoni sistematika dwar il-persuna ta' Ġesù Kristu. Din it-tema tinkludi l-istudju dwar l-informazzjoni li nsibu dwar l-Iben t'Alla fit-Testment il-Ġdid: jiġifieri t-twelid u t-trobbija tiegħu, il-missjoni pubblika tiegħu, u t-tbatija, il-mewt u l-qawmien tiegħu. Ir-riflessjoni fid-dettall dwar il-misteru tal-fidwa tissejjaħ *soterjoloġija*, kelma li litteralment tfisser "id-duttrina tas-salvazzjoni."

L-istudju tal-Kristoloġija jinkludi wkoll riflessjoni fil-fond dwar iż-żewġ naturi ta' Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla u Bin il-Bniedem, fi kliem ieħor id-divinità tiegħu u l-umanità tiegħu. Għaldaqstant, wieħed jidħol

fil-fond fl-hekk imsejħa kwistjonijiet kristoloġiċi, jiġifieri l-ereżiji li qamu fl-ewwel ħames mitt sena ta' l-istorja tal-Knisja. It-tweġiba tal-Knisja permezz ta' xi wħud minn Missirijiet il-Knisja, u speċjalment permezz ta' l-ewwel konċilji ekumeniċi, hija fundamentali. Qed nirreferi l-aktar għall-Konċilji ta' Niċeja (325), Kostantinopli (381), Efesu (431) u Kalċedonja (451). Minn dawn ħareġ ħafna tagħlim sod dwar id-dommi kristoloġiċi. Kienu bosta, wkoll, l-awturi kontemporanji minn kulturi differenti li studjaw il-persuna ta' Kristu jew xi aspett minnha.

F'rabta sħiħa ma' Ġesù Kristu u r-rwol tiegħu fil-misteru tar-redenzjoni, nistudjaw ir-rwol ta' Marija Verġni. Nidħlu fid-dettall tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, fil-misteru tal-ħajja ta' Ġesù kif għexithom Marija, b'mod speċjali s-sehem ta' Marija taħt is-Salib u l-preżenza tagħha ma' l-appostli fil-bidu tal-Knisja. Jiġi studjat ukoll it-tagħlim tal-Maġisteru dwar il-Verġni Marija, b'referenza partikulari għad-dommi marjani, jiġifieri l-Maternità verġinali (Efesu, 431), il-Konċepiment Immakulat ta' Marija (Beatu Piju IX, 1854) u l-Assunzjoni ta' Marija fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem (Piju XII, 1950).

Biex tidħol aktar fil-fond: Amato A., *Gesù il Signore. Cristologia*, Dehoniane, Bologna 1999; Brown R.E., *An Introduction to New Testament Christology*, Paulist Press, New York/Mahwah 1994; Forte B., *Gesù di Nazaret. Storia di Dio, Dio della Storia*, Paoline, Roma 1981; Kasper W., *Jesus the Christ*, Burns & Oates, Tunbridge Wells 1976; Mesters C., *Ma' Ġesù Kontra l-Kurrent*, Media Centre, Malta 2004; O'Collins G., *Interpreting Jesus*, Geoffrey Chapman, London 1993; Sabourin L., *Christology: Basic Texts in Focus*, Alba House, New York 1984.

Cantalamessa R., *Mary, Mirror of the Church*, I.J.A. Publications, Bangalore 1998; de la Potterie I., *Mary in the Mystery of the Covenant*, St Pauls, Mumbai 1998; Magro S., *Il-Verġni Marija fil-Bibbja*, Tau, Malta 2001; Spiteri D., *Marija ta' Nazaret*, Media Centre, Malta 2005.

### 4. Antropoloġija

L-Antropoloġija nisranija tikkonsisti fir-riflessjoni teoloġika dwar il-bniedem fid-dawl tar-rivelazzjoni u l-pjan t'Alla għalih. Dan l-istudju li jkopri l-firxa ta' l-eżistenza kollha tal-bniedem – mill-ħolqien sa l-aħħar taż-żmien – jinkludi:

(a) Ir-riflessjoni dwar il-ħolqien tal-bniedem, u kif il-bniedem – maħluq xbieha t'Alla – jinsab fil-quċċata ta' l-opri kollha li ħarġu minn idejn il-Ħallieq.

(b) Il-bniedem waqa' u dineb. Kien u għadu jeħtieġ il-grazzja t'Alla. Aħna lkoll ninsabu fi Kristu l-Medjatur, aħna lkoll "filii/filiae in Filio". Il-grazzja, inizjattiva t'Alla, hi don mogħti lilna b'xejn. Kull grazzja tissarraf f'responsabbiltà fl-għajxien tal-ħajja ta' kuljum. Il-grazzja t'Alla hi dik li ssostnina fil-mixja tagħna f'din il-ħajja.

(c) Aħna lkoll mexjin lejn is-sema pajjiżna. Nitkellmu dwar it-tama tan-nisrani li jinsab f'pellegrinaġġ. Din il-fergħa hija magħrufa wkoll bħala eskatoloġija, jiġifieri r-riflessjoni dwar "il-ħwejjeġ ta' l-aħħar" (in-novissimi): il-mewt, il-ġudizzju, l-infern u l-ġenna.

Biex tidħol aktar fil-fond: Auer J. – Ratzinger J., *Eschatology. Death and Eternal Life,* Catholic University of America Press, Washington D.C. 1988; Eminyan M., *Eskatoloġija: Il-Ħajja wara dil-Ħajja,* Edizzjoni I.K., Malta 1991; Gozzellino G., *Il mistero dell'uomo in Cristo,* LDC, Torino 1991; Ladaria L., *Antropologia Teologica,* Piemme, Casale Monferrato 1995; Nitrola A., *Tratatto di escatologia,* San Paolo, Torino 2001.

## 5. Ekkleżjoloġija

Dan huwa l-istudju dwar il-Knisja. Huwa meħtieġ il-pedament bibliku għal din ir-riflessjoni dwar il-Poplu t'Alla. Wieħed jiltaqa' ma' xbihat minn qabel (prefigurazzjonijiet) tal-Knisja fit-Testment il-Qadim, u mbagħad jgħaddi biex jistudja l-Knisja fit-Testment il-Ġdid. Hawnhekk insibu deskrizzjoni mill-aqwa tal-komunità nisranija tal-bidunett, kif kienet tgħix, titlob, tagħti xhieda, tevanġelizza u anki tbati.

Ir-riflessjoni mbagħad tgħaddi għall-għarfien tal-Knisja stess fuqha nfisha (awtokomprensjoni) fl-istorja tat-teoloġija u fil-Maġisteru. Isir ukoll approfondiment teoloġiku dwar il-misteru tal-Knisja u l-karatteristiċi tagħha.[4] Għandha oriġini trinitarja u destinazzjoni trinitarja. Dejjem tolqotni l-frażi tal-Kardinal John Henry Newman, "The Church is the Trinity in exile; the Trinity is the Church at home."

Barra minn hekk, l-ekkleżjoloġija tgħaddi wkoll biex tistudja l-istruttura tal-Knisja u l-missjoni tagħha, ir-rwol tal-ġerarkija u tal-lajċi, kulħadd bis-sehem partikulari u kumplimentari tiegħu.

Normalment din il-fergħa ta' studju tidħol anki fil-kamp ta' l-ekumeniżmu, jiġifieri dik ir-riflessjoni storiko-teoloġika dwar kif il-Knejjes u l-komunitajiet insara qed ifittxu jersqu aktar lejn xulxin wara firdiet li seħħew fi żminijiet differenti (speċjalment is-sekli 11 u 16).

Biex tidħol aktar fil-fond: Anon., *Il-Knisja min hi?*, Segretarjat għall-Katekeżi, Malta 1999; Cremona P., *Il-Knisja, Ikona tat-Trinità Qaddisa*, Edizzjoni Kerygma, Malta 2000; Dulles A., *Models of the Church*, Gill and Macmillan, Dublin 1974; Forte B.; Sullivan F.A., *The Church We Believe in*, Paulist Press, New York/Mahwah 1988.

## 6. Is-Sagramenti

Fergħa oħra tat-teoloġija dommatika hija dik tas-sagramenti. Qabel ma wieħed jistudja s-sagramenti wieħed wieħed, normalment ifittex jidħol ftit fil-fond fit-teoloġija tas-sagramenti b'mod ġenerali (dik li kienu jsejħulha *De sacramentis in genere*). Hawnhekk wieħed jiltaqa' mal-prinċipji fundamentali għal dawn il-mezzi ordinarji li jidhru ta' grazzja li Alla juża biex iwassal il-grazzja tiegħu inviżibbli lill-bnedmin. Dawn il-prinċipji jinkludu: l-istituzzjoni tas-sagramenti, l-oriġini tagħhom, is-settenarju (jiġifieri l-proċess twil storiku u teoloġiku li wassal għad-definizzjoni ta' liema huma s-sagramenti tal-Knisja), in-neċessità tas-sagramenti, l-effetti u l-effikaċja tagħhom, il-ministru, min jista' jirċevihom, eċċ. Jiġu wkoll studjati għadd ta' dimensjonijiet tas-sagramenti: dik kristoloġika u dik pnewmatoloġika, id-dimensjoni ekkleżjali u dik eskatoloġika, id-dimensjoni kultika u dik antropoloġika.

Naturalment wieħed imbagħad jgħaddi biex jistudja fid-dettall kull wieħed mis-sagramenti. Aspett ieħor importanti li reġa' ġie skopert bil-mod il-mod, speċjalment mill-bidu tas-seklu 20, kien id-dimensjoni soċjali tas-sagramenti. Sfortunatament għal ħafna sekli l-enfasi fit-teoloġija kien fuq l-aspett individwali tas-sagramenti, jiġifieri x'se jirċievi l-individwu mingħand Alla. Bir-riskoperta tal-freskezza tat-teoloġija ta' Missirijiet il-Knisja, kif ukoll bil-Qawmien Liturġiku, ngħata dawl ġdid fuq l-aspett soċjo-ekkleżjali tas-sagramenti. Barra

minn hekk, aspett ieħor relatat ħafna ma' dan, huwa dak ta' l-impenn fil-komunità u fis-soċjetà, impenn li huwa l-frott ta' ħajja sagramentali li tingħex b'mod ħaj u awtentiku. Din hija r-rabta li hemm bejn il-*lex credendi*, il-*lex orandi* u l-*lex vivendi*, jiġifieri bejn dak li nemmnu, dak li niċċelebraw fil-liturġija u dak li ngħixu b'impenn.

Biex tidħol aktar fil-fond: Borg F., *Ix-Xebh ma' Kristu fil-Bidu tal-Ħajja Nisranija*, Foundation for Theological Studies, Malta 2002; Corbon J., *The Wellsprint of Worship*, WIPF and Stock Publishers, Eugene/Oregon 2001; Florio M. – Rocchetta C., *Sacramentaria Speciale I: Battesimo, confermatione, eucaristia*, EDB, Bologna 2004; Rosato P., *Introduzione alla teologia dei sacramenti*, Piemme, Casale Monferrato 1992; Rocchetta C., *Sacramentaria fondamentale. Dal "mysterion" al "sacramentum"*, EDB, Bologna 1999; Schonborn C., *Le sorgenti della nostra fede. Liturgia e sacramenti nel Catechismo della Chiesa Cattolica*, Jaca Book, Milano 1998.

**Konklużjoni**

F'dan l-artiklu ppruvajna nagħtu daqqa t'għajn ħafifa lejn il-friegħi prinċipali tat-teoloġija dommatika. Bejn wieħed u ieħor segwejt is-sottodiviżjonijiet li normalment isiru meta tiġi mgħallma d-dommatika fl-universitajiet, fakultajiet tat-teoloġija, seminarji jew ċentri oħra ta' studju tat-teoloġija. Huma wkoll il-friegħi ewlenin li wieħed normalment isib fil-kotba tat-teoloġija ta' żminijietna, kif ukoll fil-manwali ta' żminijiet oħra. Naturalment wieħed jista' liberament jaqsam id-dommatika mod ieħor. Però xtaqt insegwi l-linji tradizzjonali li wieħed jiltaqa' magħhom fil-kotba u fil-kurrikuli ta' studju, anki kif approvati mis-Santa Sede fil-każijiet fejn istituzzjoni partikulari tkun awtorizzata li tagħti gradi kanoniċi.

Fittixt ukoll li nagħti ftit tagħrif fuq fuq dwar kull waħda minn dawn il-friegħi. Naturalment ma stajtx nidħol fil-fond minħabba l-istil u x-xeħta ta' dan l-artiklu. Tajt biss dik l-informazzjoni li ħassejtha essenzjali, speċjalment għal min m'huwiex daqshekk midħla tat-teoloġija. Għal min jaf ftit teoloġija bażika, forsi l-preżentazzjoni tiegħi swiet biex jiftakar ftit f'dak li kien studja xi żmien ilu, jew biex, ngħidu hekk, ipoġġi dak li studja fil-"garżella" proprja tiegħu. Il-listi qosra ta'

kotba li ssuġġerejt huma biss għajnuna żgħira li tista' tiftaħ beraħ tieqa għal min jixtieq jaqra aktar. Huma kotba aktarx disponibbli f'libreriji lokali tat-teoloġija. Fejn stajt indikajt ukoll xogħlijiet bil-Malti. B'hekk inkunu qegħdin nippromwovu wkoll it-tħaddim tat-teoloġija b'ilsien art twelidna u r-riflessjoni teoloġika bl-ilsien tagħna, impenn li din ir-rivista ilha tagħmel b'mod konsistenti għal ħafna snin.

## Biblijografija ġenerali

O'Collins G. – Farrugia E.G., *A Concise Dictionary of Theology*, T & T Clark, Edinburgh 2000.

Studio Teologico di S. Paolo, *Annuario 2005-2006*, Catania 2005.

Università Pontificia Salesiana, Roma, *Calendario delle Lezioni 2006-2007.*

University of Malta – Faculty of Theology, *Prospectus 1999-2000.*

Websajt tal-Fakultà tat-Teoloġija f'Malta:
http://ome.um.edu.mt/theology/catalogue.doc.

## Referenzi:

1. Ara Gerald O'Collins – Edward G. Farrugia, "Dogma", fil-ktieb *A Concise Dictionary of Theology*, T & T Clark, Edinburgh 2000, 66.
2. Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali dwar Il-Knisja fid-Dinja tal-Lum *Gaudium et Spes* (7 ta' Diċembru 1965), para. 62. Ir-referenza hi għad-diskors tal-Papa Ġwanni XXIII fil-ftuħ tal-Konċilju, *Gaudet Mater Ecclesia*, 11 ta' Ottubru 1962: *AAS* 54 (1962) 792.
3. Ara O'Collins – Farrugia, "Theology", fil-ktieb *A Concise Dictionary of Theology*, 263.
4. Nixtieq nirreferi l-qarrejja għall-ħarġa ta' *Knisja 2000*, nru 52 dwar *Il-Knisja: oriġini u żvilupp* (April-Ġunju 2000). Dakinhar kont ktibt dwar "Il-Knisja ta' Vatikan II: Omm u għalliema, oħt u dixxiplu" (p 73-81).